**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Audrey Micallef)**

**vs**

**Johan Sciberras**

**Kumpilazzjoni 715/2022**

**Illum, 16 ta' Dicembru 2022**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

> "**Johan Sciberras**, detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru 0620882M.
>
> U nakkuzah talli nhar it-03 ta' Dicembru 2022 gewwa l-Pieta', f'diversi hinijiet u f'diversi postijiet gewwa dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin f'hinijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li kienu maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Ikkaguna lill-genituri tieghu u cioe' lil Anthony Sciberras u Josephine Sciberras li ghandhom l-eta' ta' 76 (sitta u sebghin) sena u 73 (tlieta u sebghin) sena rispettivament, biza' li se tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta' taghhom jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti jew dixxendenti taghhom, u liema delitt sar bit-theddida ta' arma u min wettaq id-delitt, cioe' Johan Sciberras, kien qabel gie misjub hati ta' delitta ta' xorta simili.

2. Uza vjolenza, inkluz vjolenza morali u jew psikologika, u, jew sfurzar, sabiex igieghel taghmel, ihalli ssir, jew jonqos milli jaghmel, xi haga, jew sabiex inaqqas l-abilitajiet jew izola jew illimita l-access ghall-flus, edukazzjoni jew impjieg ghad-detriment tal-genituri tieghu u cioe' Anthony Sciberras u Josephine Sciberras, li ghandhom l-eta' ta' 76 (sitta u sebghin) sena u 73 (tlieta u sebghin) sena rispettivament, u liema delitt sar bit-theddida ta' arma u min wettaq id-delitt, cioe Johan Sciberras, kien qabel gie misjub hati ta' delitt ta' xorta simili.

U iktar talli nhar it- 03 ta' Dicembru 2022 bejn il-hinijiet ta' 19:00hrs u 22:00hrs gewwa l-Pieta':

3. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Anthony Sciberras f'periklu car, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe' offiża ta' natura hafifa fuq missieru, l-istess Anthony Sciberras li ghandu l-eta' ta' 76 sena, hekk kif iċċertifikah Dr. Sylvano Mizzi (MD. 4919) mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta, u liema delitt sar bit-

theddida ta’ arma irregolari, u min wettaq id-delitt, cioe’ Johan Sciberras, kien qabel gie misjub hati ta’ delitt ta’ xorta simili.

4. Hebb kontra l-persuna ta’ ommu u cioe’ Josephine Sciberras, li ghandha l-eta’ ta’ 73 (tlieta u sebghin) sena, sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmel hsara lill-istess ommu u cioe’ lil Josephine Sciberras.

5. Għamel lill-persuna ta’ missieru u cioe’ Anthony Sciberras, inġurji jew theddid mhux imsemmijja band’ oħra fil-kodiċi kriminali jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b’mod li ħareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

6. Għamel lill-persuna ta’ ommu u cioe’ Josephine Sciberras, inġurji jew theddid mhux imsemmijja band’ oħra fil-kodiċi kriminali jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b’mod li ħareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

7. Għamel lill-persuna ta’ ohtu u cioe’ Charmaine Sciberras, inġurji jew theddid mhux imsemmijja band’ oħra fil-kodiċi kriminali jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b’mod li ħareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

8. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg il-genituri tieghu u cioe’ hwejjeg Anthony Scibarras u Josephine Sciberras, mobbli jew immobbli, u cioe’ parti mill-ghamara fil-kamra tas-sodda ta’ l-istess genituri tieghu, u fejn l-ammont tal-hsara ma jiskorrix il-mitejn u hamsin (250€) Ewro.

9. F’lok pubbliku jew f’post miftuħ għall-pubbliku, kien fis-sakra b’mod li ma kienx jista’ jieħu ħsieb tiegħu innifsu.

10. Volontarjament ksirt il-bon ordni jew il-paci pubblika b’xi mod mhux imsemmija band’ oħra fil-kodici kriminali.

11. Ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorità jew ta’ wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u cioe PS276 Attard Gregory, PC868 Psaila Russell, PC491 Portelli Gabriel, u PC454 Mifsud Shaun Mike jew ma ħalliehomx jew fixkilhom waqt li kienu qed jagħmlu id-dmirijiet tagħhom, jew b’xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmirhom, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor kien għamel skont il-liġi, jew b’xi mod ieħor li jkun, fejn din id-dizubbidjenza jew dan l-indħil ma jaqa’ taħt l-ebda dispożizzjonijiet oħra.

12. Il-Qorti hija mitluba wkoll titratta lil Johan Sciberras bħala persuna reċediva meta ġie ssentenzjat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jiġu mibdula u dan bi ksur tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li tohrog ordni ta’ protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Johan Sciberras a beneficcju ta’ Anthony Sciberras, Josephine Sciberras, Charmaine Sciberras u l-familjari taghhom u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba f’kaz ta’ htija, biex tipprovdi ghall-persuni ta’ Anthony Sciberras, Josephine Sciberras u Charmaine Sciberras u l-familjari taghhom jew sabiex jinzamm il-bon ordni

pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Johan Sciberras b’obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta’ somma ta’ flus li tigi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbiliti mill-ligi, tordna lill-imsemmi Johan Sciberras sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fil-Artikolu 533tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Filwaqt li nessebixxi l-Fedina Penali u kopja tac-certifikat tat-twelid ta’ Johan Sciberras nitlob li dan il-kaz jigi nvestigat skond il-ligi.”[1]

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Rat il-fedina penali tal-imputat.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

**L-Akkuzi fil-Qosor**

[1] A folio 1-4 tal-process

Illi l-imputat huwa akkuzat illi nhar it-3 ta' Dicembru 2022 (1) ikkaguna lill-genituri tieghu Anthony Sciberras u Josephine Sciberras ta' 76 (sitta u sebghin) sena u 73 (tlieta u sebghin) sena rispettivament, biza' li se tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta' taghhom; (2) uza vjolenza, inkluz vjolenza morali u jew psikologika, u, jew sfurzar, sabiex igieghel lill-istess genituri tieghu jaghmlu, ihallu ssir, jew jonqsu milli jaghmlu, xi haga, jew sabiex inaqqas l-abilitajiet jew izola jew illimita l-access ghall-flus tal-genituri tieghu, liema delitt sar bit-theddida ta' arma; (3) ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe' offiża ta' natura hafifa fuq missieru, l-istess Anthony Sciberras, hekk kif iċċertifikah Dr. Sylvano Mizzi (MD. 4919) mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta, u liema delitt sar bit-theddida ta' arma irregolari; (4) hebb kontra l-persuna ta' ommu, l-istess Josephine Sciberras, sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmilha l-hsara; (5) għamel lill-missieru, Anthony Sciberras, lil ommu, Josephine Sciberras, u lil ohtu Charmaine Sciberras, inġurji jew theddid mhux imsemmijja band' oħra fil-kodiċi kriminali jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni; (6) volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq parti mill-ghamara fil-kamra tas-sodda tal-genituri tieghu, u fejn l-ammont tal-hsara ma jiskorrix il-mitejn u hamsin (250€) Ewro; (7) f'lok pubbliku jew f'post miftuħ għall-pubbliku, kien fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jieħu ħsieb tiegħu innifsu; (8) volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika; (9) m'obdiex l-ordnijiet ta' PS276 Attard Gregory, PC868 Psaila Russell, PC491 Portelli Gabriel, u PC454 Mifsud Shaun Mike.

**Il-Fatti fil-Qosor**

Illi l-kwerelant Anthony Sciberras spjega li l-imputat kien talab xi flus lil ommu u din tathomlu. Spjega li mbaghad l-imputat mar talab xi flus lilu, u huwa rrifjuta. Illi l-imputat gie aggressiv ghax kien xurban u

kisser il-gwardarobba tal-kamra tas-sodda tal-genituri tieghu u attakka lil missieru f'bicca injama mill-istess gwardarobb. Hemmhekk giet imsejha l-assistenza tal-Pulizija. Fejn l-imputat kien aggressiv ukoll mal-Pulizija.

**Ikkunsidrat:**

Illi stante ammissjoni tal-imputat **Johan Sciberras** l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Illi dwar il-piena li ghandha tigi mposta, din il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat, il-kollaborazzjoni tieghu mal-Pulizija, in-natura u gravita' tar-reati lilu addebitati.

**Decide:**

Illi wara li rat l-atti kollha tal-kaz, il-Qorti fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati; u wara li rat l-Artikli 49, 50, 202(h)(v)(l)(n), 214, 221(1), 222(1)(a), 222A, 251, 251B, 251H(a)(b), 251HA, 325(c), 338(dd)(ee)(ff), 339(d)(e), tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda (1) tikkundanna lill-imputat ghal sentejn habs li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal erba' (4) snin u (2) Tordna li terminu ta' l-Ordni ta' Trattament ai termini tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-30 ta' Marzu 2022, ai termini tal-Artiklu 412D tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta ghal zmien tmintax-il xahar terga' tibda tiddekorri mill-gdid bid-data ta' din is-sentenza.

Il-Qorti spjegat fi kliem car lill-imputat l-obbligi tieghu taht din is-sentenza u l-imputat iddikjara li fehem l-istess.

***Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

Angelo Buttigieg
Deputat Registratur